MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2013

Numru. 216/2013

**Illum 5 ta' Marzu 2013**

**Il-Pulizija**
**Spettur James Grech**

**vs**

**Clayton Fava**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Clayton Fava ta' 26 sena, bin Paul u Josephine nee' Zammit, imwieled Pieta' fis-17 ta' Lulju 1987 u residenti 74, Sqaq Nru 3, Triq San Guzepp, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' numru 345887(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar is-26 ta’ Frar 2013, ghall-habta ta’ l-1620hrs gewwa l-Furjana u/jew partijiet ohra f’dawn il-Gzejjer;

1. Ikkommetta serq ta’ flus, liema serq sar flimkien ma sekwestru tal-persuna, kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta’ €2329.37 ghad-detriment ta’ Shaun Sammut u/jew xi persuna/i ohra;

2. Bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Shaun Sammut kontra l-volonta’ tieghu bil-hsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew hwejjeg ohra, jew biex Shaun Sammut ikun mgieghel jaccetta li jaghmel xi trasferiment ta’ hwejgu;

3. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Shaun Sammut biza’ li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta’ tieghu meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil Shaun Sammut hekk biza’ jew missu kien jaf li kien ser jikkaguna biza f’Shaun Sammut li ser tintuza vjolenza kontrih f’dik l-okkazjoni,

Il-Qorti kienet gentilment mitluba titratta ma Clayton Fava bhala recidiv ta’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija lilu mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D nhar it-30/07/2010 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula u dan ai termini ta’ Artikolu 49, 50 u 289 ta’ Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 5 ta’ Marzu 2013 (esebit a fol.   tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-5 ta’ Marzu 2013 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-5 ta' Marzu 2013 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, kkunsidrat l-fatt li hu recidiv u kkunsidrat ukoll l-fatt li l-imputat ghandu problema tal-abbuz mid-droga.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 86, 87, 251B (2), 261(a)(c), 267 (1) (a)(2), 267, 275, 277(a), 279(a), 280(2), 289 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tmintax(18)-il xahar prigunerija.

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega sabiex jeghleb il-problema tal-abbuz mid-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------